IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 34

## Laqgħa b'Urġenza

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fit-tmienja u kwart ta' filgħaxija (8:15pm) nhar **il-Ħamis 29 ta'April 2021**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u  ppresedja l-laqgħa.

**34.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

34.1.1 Ebda talba ta' apoloġija preżentata.

**34.2 Il-proposta tal-pontuni għat-Toqba tal-Birgu**

34.2.1 Is-Sindku John Boxall sejjaħ din il-laqgħa b'mod urġenti minħabba sitwazzjoni li fuqha kien hemm bżonn ta' diskussjoni bejn il-kunsill kollu filwaqt li talab skuża tal-ħin li fih saret il-laqgħa iżda kellha ssir hekk sabiex kull kunsillier ikun preżenti. Is-Sindku qal li fuq il-mezzi soċjali bdiet tiċċirkola mappa ta' kif Transport Malta qed tippjana li tagħmel pontuni tul il-kosta tat-Toqba tal-Birgu (Triq il-Piccolo Soccorso) fi tmiem il-proġett li qed isir bħalissa. Il-pontuni jibdew bi ftit spazju qrib l-iskall li hemm bi dritt il-garaxxijiet li hemm it-Toqba (wieħed minnhom ta' Ġużi Callus) u jibqgħu sejrin 'il barra lejn il-Port bi dritt is-St.Angleo Mansions, qrib il-Forti ta' Sant' Anġlu, bl-aħħar pontuni maħsuba li jirmunkaw magħhom dgħajjes ta' għaxar metri u aktar.

34.2.2 Is-Sindku John Boxall qal li f'korrispondenza li kellu ma' Transport Malta, dawn qatt ma kellhom ikunu pontuni iżda sistema ta' ri-organizazzjoni tal-mażri li hemm mifruxa (uħud sostanzjali minnhom mingħajr permess) fil-baħar tal-Kalkara Greek, bejn il-Birgu u l-Kalkara. Is-Sindku qal li fil-prinċipju ta' organizazzjoni tal-mażri jaqbel iżda qatt ma jista' jaqbel li jsiru pontuni inkella t-Toqba se tispiċċa minn żona tal-għawm għan-nies tal-Birgu. Il-kunsilliera kollha qablu unanimament ma' dan il-prinċipju.

34.2.3 Is-Sindku propona li jekk iridu jsiru xi forma ta' pontuni sabiex issir organizazzjoni tal-mażri, dawn isiru mill-iskal ta' quddiem il-garaxxijiet (imsemmi f'punt 34.2.1 sa' qabel l-ewwel skal li hemm kif tinżel it-Toqba mit-taraġ ta' Triq il-Miratur (fuq wara tal-Kunvent tas-Sorijiet tal-Klawsura). Il-kunsillier kollha qablu ma din il-proposta.

34.2.4 Il-Kunsillier Trevor Mizzi qal li l-pjanti li għandu l-kunsill huma tal-permess tal-pontuni li kienu applikaw terzi persuni għal fuq in-naħa tal-Kalkara. Il-Viċi-Sindku qal li jista' jkun li Transport Malta użat l-istess pjanta sabiex tkun tista' tippjana għan-naħa tal-Birgu.

34.2.5 Il-Kunsillier Anton Gellel propona li jinħareġ avviz li dawk ir-residenti tal-Birgu li għandhom mażra t-toqba, jirreġistraw mal-Kunsill Lokali tal-Birgu biex b'hekk ikun hemm idea ta' kemm hemm mażri ta' nies mill-Birgu ankè ħabba l-fatt li jista' jkun li hemm mażri mingħajr permess. Is-Sindku qal li din il-proposta hija waħda tajba imma jkun aħjar jekk din ma ssirx għalissa u tiġi evitata.

34.2.6 Il-Viċi-Sindku Christopher Cassar qal li bħala kunsill, issir oġġezzjoni u pressjoni kbira mal-awtoritajiet sabiex dan il-proġett ta' pontuni ma jsirx għaliex in-nies tal-Birgu jridu, flimkien mal-kunsill stess, li t-toqba tkun irranġata iżda tibqa' żona għall-għawm u fejn kulħadd jista' jgħaddi ħin għal mistrieħ fi żmien is-sajf.

34.2.7 Il-kunsillier Trevor Mizzi qal li għandha tinkiteb ittra lil Transport Malta sabiex il-kunsill jiltaqgħa mad-direttur sabiex jiċċaraw il-pjan dwar il-pontuni u sabiex ma tintefax ebda applikazzjoni mal-awtoritajiet għal dawn il-pontuni għax imbagħad ikun tard wisq.

34.2.8 Is-Sindku għaldaqstant għamel dawn il-punti u sejjaħ għal qbil unanimu mill-kunsilliera kollha;

- Ebda proġett ta' pontuni ma jsir fil-baħar ta' bejn il-Birgu u l-Kalkara lejn in-naħa tat-toqba, Triq il-Piccolo Soccorso;
- Il-Kunsill jaqbel li ssir organizazzjoni tal-mażri mingħajr ma tkun ostakolata ż-żona għall-għawwiema fit-toqba tal-Birgu;
- Tintbagħat ittra għal laqgħa mad-Direttur ta' Transport Malta dwar din il-materja urġenti.

Il-Kunsilliera kollha qablu unanimament ma dawn il-punti.

**34.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:30pm ta` filghaxija (9:3pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir l-Erbgħa 12 ta` Mejju 2021 fis-sitta neqsin kwart ta` filgħaxija (5:45pm).

Konfermati llum: **12 ta' Mejju 2021.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Christian Lawrence Raggio Vella |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |